**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 12 ta’ Lulju, 2018**

**Talba Nru: 315/2017PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Lendvai Nora**
**(ID Nru. 121310(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ Lulju, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u erbgha u tmenin euro u hamsa u sittin centezmu (€684.65) in kwantu ghal erba’ mija u sebgha u hamsin euro u hamsa u ebrghin centezmu (€457.45) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40466313 u mitejn u sebgha u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu (€227.20) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40447997, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk

tal-ittra ufficjali 3157/15, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba senjatament l-istatements rispettivament datati 20 ta' Lulju, 2016 (Dok. 'A1' u 'A2'), il-kuntratti sottoskritti mill-intimat (Dok. 'B1' u 'B2') u l-kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 3157/15 mahruga mis-socjeta` attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018 li permezz taghha ikkonferma bil-gurament tieghu illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-intimat lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tat-2 ta' Lulju, 2018, 9 ta' Lulju, 2018 u wkoll ghas-seduta tal-lum u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2018.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin euro u hamsa u sittin centezmu (€684.65) in kwantu ghal erba' mija u sebgha u hamsin euro u hamsa u erbghin centezmu (€457.45) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40466313 u mitejn u

sebgha u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu €227.20) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40447997, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3157/15, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**